# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 19 ta' Novembru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**
**vs**
**Mohammed Diallo**
**Traore Bouba**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Mohammed Diallo** u detentur tan-numru tal-pulizija bin-numru 19C-037; u+

**Traore Bouba** u detentur tan-numru tal-pulizija bin-numru 19C-055;

Akkuzati talli fit-18 ta' Novembru 2019 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer jew fi bnadi ohra ffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'dokument jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokument li huma kienu jafu li ġie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioe kellhom fil-pussess taghhom passaporti tal-aljeni Taljani foloz u permessi ta' residenza foloz;

Talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokumenti fuq imsemmija gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta;

Talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dan il-proceduri u l-fedina penali netta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sebgha (7) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**